MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2010

Numru. 779/2010

Il-Pulizija
(Sp Anthony Portelli)
vs
Patrick Spagnol, iben Anthony, imwieled Pieta’ fl-4 ta’ Diċembru, 1981, Karta ta’ l-Identita numru 23082(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli bejn it-3 ta’ Ottubru, 2009 u il-15 ta’ Lulju, 2010 f’diversi bnadi f’dawn il-Gżejjer b’diversi atti magħmulin minnu, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, u cioe’:

1. b’mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew

sabiex iqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ li jeċċedi €232.94 iżda anqas minn €2,329.37 għad-dannu ta’ diversi persuni;

2. bi ħsara ta’ diversi persuni, għamel qliegħ b’qerq li jammonta għal aktar minn €232.94 iżda mhuz aktar minn €2,329.37;

3. talli kiser il-provvediment tal-Probation a tenur tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta fejn ġie misjub ħati b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-6 ta’ Diċembru, 2004 u liberat bil-kondizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu, liema sentenza ġiet estiża mill-istess Qorti diversament presjeduta fil-21 ta’ April, 2009;

4. talli kiser il-provvediment tal-Probation a tenur tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta fejn ġie misjub ħati b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-21 ta’ April, 2009 u liberat bil-kondizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu;

5. talli kiser il-provvediment tal-Probation a tenur tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta fejn ġie misjub ħati b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-12 ta’ April, 2010 u liberat bil-kondizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Awwissu, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat id-dokumenti eżebiti minn fejn jirrizulta li l-imputat iffroda s-somma ta’ €820 lil diversi persuni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Awwissu, 2010 fejn jirrizulta mid-dokumenti eżebiti li l-imputat ħallas lura dak kollu li ħa mill-persuni hemmhekk imsemmija.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’

Malta u tikkundannah għal piena ta’ ħdax il-xahar priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------